GĦAXAQ

Minuti tal-laqgħa Nru. 21 tal-Kunsill Lokali Għaxaq li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tnejn 5 ta' Lulju 2010 fis-2.00pm.

| | |
|---|---|
| **Preżenti** | **Il-Membri** |
| Is-Sindku | Is-Sur Emanuel Vassallo |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur Joe M. Abdilla |
| Il-Kunsillieri | Is-Sinjura Rose Agius<br>Is-Sur Angelo Attard<br>Is-Sur Alan Picco |
| Uffiċċjali | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Is-Sinjura Therese Xuereb |

Aġenda

---

1. Minuti;
2. Tagħrif mill-Minuti;
3. Korrispondenza;
4. Materji Finanzjarji
   a) Petty Cash Ġunju 2010;
   b) Skeda ta' Ħlas Ġunju 2010;
   c) Karta Bilanċjali (Jan – Mar 2010);
5. Il-Ġnien;
6. Skrivan Part-time;
7. Traqqiegħ tat-toroq;
8. Suġġerimenti mill-Kunsilliera.

## 1. Minuti

Il-Minuti tas-Seduti Nru 20 ittieħdu bħala moqrija.

Is-Sindku staqsa kienx hemm rimarki. Peress li ma kienx hemm rimarki huwa ppropona li jkunu adottati. Issekonda l-Kunsillier Picco.

Il-Kunsill qabel unanimament.

## 2. Tagħrif mill-Minuti

1. Dwar item 3.2, ir-rapport tas-SEAP (*Sustainable Energy Action Plan)* li kellu jitħejja skond il-ftehim tal-Patt tas-Sindki huwa lest. Il-Kumpanija *Econing* bagħatet kopja biex dan ir-rapport jiġi rreġistrat mal-*Covenant of Mayors Office*.

2. Dwar 3.7, is-Segretarju qalet li għal din il-laqgħa attendew is-Sindku u hi u ġurnata wara kellhom laqgħa l-MEUSAC biex jiddiskutu l-pjan dwar l-użu ta' l-enerġija. Waqt din il-laqgħa ġiet diskussa l-użu tas-saqaf tal-ġibjun u s-saqaf ta' l-iskola, iżda l-Kunsill ġie mgħarraf li dawn ma jistgħux jiġu wżati biex jitpoġġew il-panelli fuqhom la darba dawn mhumiex propjeta' tal-Kunsill.

3. Dwar item 3.12, il-*Bye-Law* għar-Reklami fuq Għamara tat-Toroq, is-Segretarju qalet li jeħtieġ issir laqgħa biex din il-*Bye-Law* tiġi diskussa.

4. Dwar item 3.20, il-preżentazzjoni tal-ktieb dwar Ħal Għaxaq saret mis-Sur Camille lis-Sindku fil-bini tal-Kunsill. Is-Sur Camille qal li jixtieq li jagħmel kopji tal-ktieb biex Ħal Għaxaq isir aktar magħruf mat-turisti. Il-Kunsill qabel li jinġiebu kwotazzjonijiet għall-istampar tal-ktieb biex kopji tiegħu jinżammu fil-Kunsill kif ukoll fil-Librerija Pubblika.

5. Dwar item 3.2.a, is-Segretarju qalet li jeħtieġ li jiġi nominat bord biex jevalwa dawn it-*tenders* minħabba li dawk li tefgħu l-offerti jkollhom il-*Bank Guarantee* li se tiskadi.

6. Dwar item 9. is-Segretarju qalet li s-Sindku qiegħed kuljum jiġbor in-nies li jiġu mill-faċilita' korrettiva ta' Kordin biex jaħdmu fil-ġnien. Dawn il-ħaddiema jixtiequ jaħdmu is-Sibt ukoll. Il-Kunsill qabel li dawn il-ħaddiema jiġu mogħtija ikel u xorb mal-ġurnata.

## 3. Korrispondenza li rċieva l-Kunsill:- ( Posta u e-mails):-

1.Mid-Dipartiment irċevejna dwar attivita' li ser issir fit-2 ta' Lulju, 2010 dwar il-'*Green Public Procurement Conference – Lead the change*'.
Infurmaw ukoll li sar tnaqqis ta' 139.76 Euros dwar is-Servizz tal-Wifi fil-Kunsilli Lokali li jkopri l-perjodu bejn Jan-Ġun'10. Is-Sur Abdilla qal li nies li jiġu biex jużaw il-Wifi minn 20 metru bogħod mill-Uffiċċju tal-Kunsill ma jkollhomx aċċess. Il-Kunsill qabel li tinbagħat *e-mail* lill-Uffiċċju tal-MICT biex nindagaw x'hini ir-raġuni.

2. Mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali bagħatu dwar Prevenzjoni tal-Waqgħat mill-Anzjani.
Infurmaw ukoll dwar il-Ftehim mal-WSC mal-Kunsilli Lokali fir-rigward tar-reinstatement tat-toroq u li x-xogħol isir fi żmien stipulat.

Bagħatu tagħrif ta' xogħol li qed isir fuq *Bus Shelters* u *Bus Stops* mit-transport Malta.

3. Mill-M.E.P.A. rċevejna dwar Applikazzjonijiet Ġodda ta Żvilupp fi Triq tas-Salib.
Nru. PA 1965/10 għal alterazzjonijiet żgħar.
Applikazzjoni Nru. PA 1983/10 fi Triq San Ġużepp dwar xi alterazzjonijiet u wkoll kostruzzjoni għat-tieni sular u *washroom* fuq il-bejt.
Applikazzjoniji Nru. PA 1994/10 fi Triq it-Tumbarellu dwar kostruzzjoni ta' garaxx.
Applikazzjoni Nru. PA 2213/10 fi Triq Ħabb il-Qamħ sabiex jinbnew ħames appartamenti u garaxxijiet.
Applikazzjoni Nru. PA 7574/07 fis-sit fi tal-Boxxla għal kostruzzjoni ta' bir, pompa u *meter room*.
Applikazzjoni Nru. PA 2256/10 fi Triq il-Kunċizzjoni għal kostruzzjoni ta' tmin *units* u garaxxijiet.
Applikazzjoni Nru. PA 2552/10 fil-Pjazza St.Marija għal installazzjoni ta' apparat tat-telefonija ċellulari.
Applikazzjoni Nru. PA 2568/10 fi Triq St.Marija sabiex tiġi mneħħija *letter box*.
Applikazzjoni Nru. PA 2005-10 fi Triq il-Gistakor għal kostruzzjoni ta' *flats, pent house* u garaxxijiet.
Applikazzjoni Nru. PA 2414/10 f'Dawret Ħal Għaxaq għal kostruzzjoni ta' *boundary wall*.

Mill-MEPA rċevejna Avviż ta' ksurtal-kontroll ta' l-ippjanar fis-sit ta' Tat-Telleritu fejn twaqqa hajt tas-sejjieh u inbena hajt gdid, kif ukoll bini ta razzett.

Fir-rigward ta' Permess Nru. PA 5576/09 sabiex residenza fi Triq il-Gudja tinbidel għal play school infurmawna li l-permess ġie approvat.

4. Mill-OPM infurmaw dwar il-laqgħa li ser issir fit-8 ta' Lulju, 2010, bejn id-9:00 a.m. u nofsinhar dwar Konsultazzjoni dwar il-Politika Kulturali, f'Dar il-Mediterran. (Memo 65)

5. Mill-*Mediterranean Institute*, għarrfu dwar il-workshop li ser isir fis-16 ta' Lulju, 2010, ġewwa il-Maċina l-Isla, dwar '*Suspended Spaces*'.

6. Mill-*Europe Direct* Mosta, irċevejna stedina għal *half day seminar* immirata fuq l-Enerġija fid-9 ta' Lulju, 2010. Dan ser isir Ghawdex.

7. Mit-Transport Malta infurmaw li ġiet approvata li ssir *Road Hump* fis-*Service Road* f'Dawret Ħal Għaxaq.

8. Il-Kunsill ircieva stedina mingħand Għaxaq FC ghal-*Presentation Night* fis-16 ta' Lulju, 2010. Il-Kunsill qabel li jagħti tifkira lil kull *player* li ħa sehem fil-*league* tat-3rd *Division* li wassal it-*team* tar-raħal għal *Play Offs*.

9. Mingħand l-Għaqda Mużikali San Ġużepp, fejn irringrazzjaw lill-Kunsill kollu ta' l-għajnuna li nagħatat sabiex il-festa kienet suċċess.

10. Mingħand Claudette Abela Baldacchino, fejn infurmat li l-programm KONFINI ser jerġa' jittella' fuq One TV.

11. Ittra mingħand residenta fi Triq il-Gistakor, fejn ilmentat dwar l-iskart li kien hemm wara l-festa li għaddiet li tħalla minn tal-gabbani li kien hemm armati.

12. Mill-Kurja irċevejna li ser iniedu ktieb għal bejgħ ta' € 15 kull kopja ta' meta ġie l-Q.T. Papa Benedittu XVI. Il-Kunsill qabel li jinxtraw kopja ghall-Kunsill u ohra ghall-librerija pubblika.

**3.2 <u>Korrispondenza li ntbagħatet mill-Kunsill :- ( Posta u e-mails)</u>:-**

a) Intbagħatet ittra lill-MEPA, fejn il-Kunsill reġa' għal darb'oħra wera' l-oġġezzjoni tiegħu għall- ħajt li hemm fi Triq B'bugia. Peress li dan qiegħed ta' periklu, il-Kunsill qed iżomm lill- istess Awtorita' responsabbli jekk jinqala' x'inċident.

b) Intbagħatet e-mail lis-Sur Victor Galea fi ħdan il-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, fejn il-Kunsill wera ix xewqa li jorganizza korsijiet bażiċi fil-Malti u l-Ingliż.

**4. <u>Materji Finanzjarji</u>**

*4.1.1* *Petty Cash*: Is-Segretarju elenkat infieq li sar mill-flus fl-idejn matul Ġunju 2010 u li kienu jammontaw għal €11.06. Il-Viċi Sindku qara l-lista tan-nefqiet li saru u ressaq l-istess lista għal kummenti u l-approvazzjoni tal-membri tal-Kunsill. Talab li jigu miġbuda mill-Bank €74.00 biex is-Segretarju jkollha biżżejjed *cash flow*.
Il-Kunsill qabel, wara li l-proposta kienet sekondata mill-Kunsillier Picco.

*4.1.2* *Skeda ta' Ħlas – Gunju 2010*: Is-Segretarju poġġiet fuq il-Mejda Skeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' Ġunju 2010 u li jammontaw għal €23,176.76. Is-Sur Abdilla qara lista tal-pagamenti u wara ressaq l-approvazzjoni tal-Iskeda tal-Ħlas u ġie sekondat mill-Kunsillier Agius. Il-Kunsill qabel unanimament.

*4.1.3* *Karta Bilancjali – (Jan – Mar 2010):* Il-Viċi Sindku poġġa fuq il-mejda kopja tal-Minuti Numru 1 tal-Kumitat tal-Finanzi fejn il-Karta Bilancjali (Appendiċi A) ta' l-ewwel kwart ġiet approvata. Hu ppropona li l-Kunsill jadotta l-Minuti li jinkludu l-Karta Bilanċjali.
Issekondat is-Sinjura Agius u l-Kunsill qabel.

**5. Il-Ġnien**

Is-Sindku qal li l-ħaddiema li qed jagħtu servizz fil-komunita' bdew jaħdmu fil-ġnien u jeħtieġ li aktar il-quddiem ikun hemm bżonn li jinkera makkinarju, bħal gaffa, etc., biex isir ix-xoghol. Il-Kunsill qabel.

Qal ukoll li wasal iż-żmien li l-kuntrattur li għamel l-ewwel fażi tal-ġnien jingħata pagament ieħor. Il-Kunsill qabel.

***6.* Skrivan *part-time***

Dwar li skrivan l-*part-time* is-Segretarju qalet li l-Kunsill irċieva 11 il-applikazzjoni u minn dawn għall-intervista ġew biss 5 minn nies. Il-bord li kien magħmul mis-Sindku, il-Viċi Sindku, il-Kunsillier Agius flimkien mas-Segretarju wara li saru l-intervisti sabu lis-Sur Ruben B. Dimech bħala l-aħjar kandidat għal din il-vakanza.

Il-Kunsill qabel li s-Sur Dimech jibda bħala *clerk part-time* mal-Kunsill.

Is-Sur Abdilla xtaq jiddikjara li waqt l-intervista mas-Sur Dimech sar jaf li l-istess sur Dimech huwa t-tifel ta' ħabib li kien jaf is-Sur Abdilla meta kienu żgħar.

**7. Traqqiegħ tat-toroq**

Is-Sindku qal li hemm il-ħtieġa li diversi toroq isirilhom traqqiegħ u għalhekk hemm il-ħtieġa li jinxtraw il-boroż tat-tarmac. Il-Kunsill qabel.

**8. *Tenders***

***Services & Maintenance of Traffic Signs and Road Markings Tender GhLC05/10***

Il-Viċi Sindku qal li meta infetħu t-*tenders*. Fl-aħjar interess tal-Kunsill, avolja hu magħruf li kien hemm offerta waħda mitfuħa l-Kunsill qabel li din tiġi milqugħa.

***Cleaning & Upkeep of Public Convenience Tender GhLC07/10***

Il-Viċi Sindku qal li meta nfetħu t-*tenders*, kien hemm 3 offerti. Dawn kienu mingħand:

| | | |
|---|---|---|
| 1. Felicita Grech | - | €42,000 |
| 2. John Caruana | - | € 3,360 |
| 3. Karl De Flavia | - | € 3,000 |

Wara diskussjoni l-għażla tal-Kunsill kienet bejn John Caruana u Karl De Flavia. Karl De Flavia fl-applikazzjoni ta' l-offerta ma ta' ebda referenza biex jiġi indagat fuq ix-xogħol ta' dan it-tip.

Il-Kunsillieri lil John Caruana jafu li huwa bniedem li jieħu ħsieb u jżomm l-indafa f'postijiet li huma fdati f'idejh u minħabba dan il-fatt il-Kunsill iddeċieda li John Caruana jieħu ħsieb it-*toilets*.

***<u>Collection of Bulky Refuse Tender GhLC 04/10</u>***

Għal din it-*tender* kien hemm 8 offerti, dawn kienu mingħand:

1. Twanny Barun - €3,000 p.a. for 10 items, 80c per additional item.

2. Glenn Dalli & Karl De Flavia - €3,600 per annum

3. Wilson Mifsud - €4.25 per call (up to 5 maximum) = €4,420 p.a.

4. Ronald & Christopher Bezzina - €3.50 per call €3,640 p.a.

5. Charles Zammit - € 4.75 per household up to 3 items

6. John Micallef - €3.50 per household up to 4 items

7. Emanuel Mizzi -€5,302.60 - 3 items p/household not more than 10

8. Brian Cardona -€4,500 p.a. €375 monthly

Wara diskussjoni fuq l-offerti ġie deċiż li l-offerti ta' Emanuel Mizzi, Brian Cardona u Charles Zammit jitwarrbu għax l-offerti huma għoljin. Filwaqt li l-Kunsill iddeċieda li jiltaqa' ma' Glenn Dalli u Karl De Flavia kif ukoll ma' Ronald u Christopher Bezzina minħabba li dawn huma l-orħos offerti.

***<u>Street Sweeping & Cleaning Tender GhLC 06/10</u>***

Għal din it-*tender* daħlu 5 offerti, dawn kienu mingħand:

1. Charles Zammit - €40,618 per annum

2. Ronald & Christopher Bezzina - €31,450 per annum (ħasil madwar il-knisja wara il-festi tar-raħal, ġbir ta' annimali mejtin u qtugħ ta' ħaxix mingħajr ħlas)

3. Wilson Mifsud - €30,700 per annum (ħasil madwar il-knisja wara il-festi tar-raħal, flimkien ma' xogħol ieħor mingħajr ħlas).

4. Glenn Dalli Hili u Karl De Flavia - €24,500 per annum

5. Jason Gatt - €14,250 per annum.

Wara diskussjoni fuq punti li ġew sollevati mill-Kunsilliera, fosthom li l-offerta ta' Charles Zammit hija għolja ħafna, ta' Jason Gatt hija offerta biex ix-xogħol isir minn persuna waħda. Il-Viċi Sindku ppropona li jsiru diskussjonijiet ma' Ronald u Christopher Bezzina kif ukoll ma' Wilson Mifsud fuq l-offerti magħhom minħabba li dawn huma l-irħas żewġ offerti. Il-Kunsill qabel.

Dwar it-*tenders* ta' l-Iskips u tal-Ġbir ta' l-Iskart, il-Kunsill qabel li dwar dawn jiġi avviċinat persuna teknika għal parir.

**8. Suġġerimenti mill-Kunsilliera**

1. Is-Sindku qal li hemm il-ħtieġa li jinġieb *bowser* ta' l-ilma biex jissaqqew is-siġar li hemm Santu Rokku u bnadi oħra. Il-Kunsill qabel.

2. Is-Sindku qal li hemm talba mil-*bar* tal-Każin tal-Labour sabiex fl-4, 5, 6, 11, 12 13, 14,15 ta' Awwissu dan jarma bar fuq barra u joħroġ imwejjed u siġġijiet, bil-kundizzjoni li l-*bar* jitneħħa waqt il-marċ. Is-Sindku kompla jgħid li jkun hemm il-ħtieġa li jitneħħew il-bankijiet għal ġid ta'kulħadd. Il-Kunsill qabel.

3. Is-Sinjura Agius qalet li fejn il-Kunsill għamel it-toroq tal-Millieri, meta tagħmel ix-xita l-ilma qiegħed jaqleb naħa waħda. Is-Sindku qal li jaf b'dan u l-kuntrattur se jirranġha għax hemm biċċa triq trid terġa' tinqala'.

4. Is-Sinjura Agius qalet jekk il-Kunsill beħsiebu jagħmel it-toroq ma jistax il-Kunsill iqabbad il-ħaddiema jagħmlu l-bankini. Is-Sur Vassallo qal li l-ewwel iridu jitranġaw il-*mains* tal-ilma qabel ma ssir it-triq u hemm xi pajpijiet iridu jinbidlu.

5. Is-Sinjura Agius staqsiet ukoll jekk it-Turretta sarx xi ħaġa fuqha. Is-Segretarju qalet li hi kitbet id-Dipartiment u għada qed tistenna risposta mingħand id-Dipartiment ta' l-Artijiet.

6. Is-Sinjura Agius qalet li jkun ħaġa sew biex intaffu id-dħaħen jekk nagħmlu inizjattiva biex il-Pjazza tingħalaq fil-ħdud u l-festi. Is-Sindku qal li mhux kull nhar ta' Ħadd imma dan jista' jsir darba fix-xahar. Il-Kunsill qabel.

7. Is-Sur Abdilla qal li fil-gazzetti kien hemm li xi Kunsilli ħadu flus biex jirrestawraw postijiet storiċi. Staqsa jekk il-Kunsill applikax għal dawn. Is-Sindku qallu li ma applikax.

8. Il-Viċi Sindku qal li fit-Triq il-Belt Valletta int u dieħel Ħal Għaxaq hemm żewġ tabelli jippromwovu servizz ta' funerali. Is-Sur Abdilla ssuġġerixxa li titbagħat ittra liż-żewġ persuni li għamlu dawn it-tabelli biex ineħħuhom u jekk dan ma jsirx, il-Kunsill ineħħihom hu. Waqt li l-Kunsill qabel, is-Sindku qal li issa ħarġet Memo li kulħadd jista' jagħmel tabella tar-reklamar basta ma tkunx akbar minn metru b'metru.

9. Is-Sur Abdilla staqsa jekk il-Librerija hemmx kotba għat-tfal żgħar. Is-Segretarju flimkien mas-Sindku qalu li kotba għat-tfal żgħar inxtraw u dawn qegħdin biex jiġu reġistrati il-Librerija ta' Belt is-Sebħ.

10. Is-Sur Picco qal li hemm parapett fi Triq San Filippu fejn ikl-madum sfronda. Is-Sindku qal li jaf bih u dan ser jiġi rranġat. Il-Kunsill qabel.

11. Il-Kunsillier Picco qal li fejn saru it-toroq hemm biċċiet minnhom li ż-żrar jidher u l-wiċċ mhux lixx. Is-Sindku qal li dan maż-żmien jillixxja u jkun aħjar.

12. Is-Sur Attard issuġġerixxa li fejn il-ħaddiema qed jużaw *cement* iswed dawn jagħmlu *sealer* biex dan jibqa' sew. Il-Kunsill qabel

**9. <u>Aġġornament</u>**

Is-Sindku fil-5.30pm aġġorna s-Seduta għal nhar it-Tnejn 19 ta' Lulju 2010 fis-2.00pm.

**Emanuel Vassallo**
Sindku

**Therese Xuereb**
Segretarju Eżekuttiv

**<u>Ikkonfermati:- It-Tnejn 19 ta' Lulju 2010 fis-2.00pm</u>.**